**Kulleġġ San Tumas More**

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

**IR-RELIĠJON**

**Il-Ħames Sena** **Frar 2015** **Ħin: Siegħa u kwart**

**Isem:** ___________________________________

**Klassi:**___________________________________

**Total ta' marki**



**<u>TAQSIMA A</u> : ALLA JAGĦTINA T-TALENTI** **(5 marki)**

**<u>A.1: Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju</u>.**

1. Alla tana t-talenti bħala rigal biex inkunu nistgħu (naħbuhom, <u>niżviluppawhom</u>, inwarrbuhom).
2. It-talenti huma (problemi, dwejjaq, kwalitajiet sbieħ).
3. Kull persuna trid (taħdem, tinsa, tkanta) biex tiskopri t-talenti tagħha.
4. Kulħadd għandu xi talent li bih jista' jkun ta' (ġid, problema, tfixkil) għall-oħrajn.
5. Meta nagħrfu dawn il-kwalitajiet, aħna nkunu nistgħu (nikbru u ngħixu sew, nitkabbru, ma nużawhomx).
6. Biex nagħraf x'inhuma dawn it-talenti, Alla tana nies bħall-(furnar, mastrudaxxa, ġenituri) biex jgħinuni nagħmel dan.

**<u>A.2: Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata</u>.**
**(10 marki)**

**Eżempju :** Lil Abram Alla qallu biex **i<u>ħalli</u>** pajjiżu u lil niesu.

1. Rut ma riditx tħalli lil Naomi waħedha, għalhekk **t**_____________ lil niesha u marret magħha l-Israel.

2. Alla kien ikellem lil **S**___________ u jagħtih messaġġi għan-nies biex jurihom kif għandhom jgħixu.

3. Abram kellu **f**________ kbira f'Alla.

4. Mosè għadda minn ħafna **t**___________ biex jagħmel dak li riedu Alla.

5. Martin Luther King ingħata l-Premju **N**_________ għall-paċi.

## <u>TAQSIMA B</u> : ALLA JAĦDEM FL-ISTORJA (10 marki)

### <u>B.1: Qabbel kolonna A ma' kolonna B. L-ewwel waħda hija eżempju</u>.

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | L-isem proprju tal-Papa Ġwanni XXlll | | Dun Mikiel Xerri |
| 2 | Kien iħobb idoqq l-arpa | | Eroj |
| 3 | Għallmet lill-bniet fil-Mużew | | Profeti |
| 4 | Alla wrieh wied mimli għadam | | Pietru |
| 5 | Patrijott Malti | | Martin Luther King |
| 6 | Poeżiji forma ta' talb | | David |
| 7 | Nies li jbatu biex ħaddieħor ikollu ħajja aħjar | 1 | Angelo Roncalli |
| 8 | Laqgħa mill-Kardinali biex isir tibdil fil-liġijiet tal-Knisja | | Konċilju |
| 9 | Ma riedx li Ġesù jbati | | Eżekjel |
| 10 | Nies li wasslu l-messaġġ t'Alla lill-poplu Lhudi | | Giannina Cutajar |
| 11 | Kien iħobb jgħid ħafna "I have a dream" | | Salmi |



**B.2: Din hija silta mill-istorja ta' Dun Mikiel Xerri.**

**Imla l-vojt billi tagħżel mill-kliem li hemm fil-kaxxi.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| saċerdot | inqabdu | konfoffa | jisirqu | aħħar |
| eroj | ambjent | kwalitajiet | ngħixu | triq |

Dun Mikiel Xerri kien ______________. Meta waslu l-Franċiżi f'Malta nqala' ħafna inkwiet. Kien hawn ħafna Maltin irrabjati għalihom għax dawn bdew ______________ oġġetti ta' valur mill-knejjes tagħna. Dun Mikiel ħa sehem f'____________ ma' Maltin oħra biex ikeċċu lill-Franċiżi minn Malta. Madankollu dawn _____________ u ġew arrestati. Sabuhom ħatja u għodwa waħda, ħarġuhom barra l-palazz u kollha ġew ixkubettjati. Dun Mikiel Xerri kien l-____________ wieħed li nqatel u qabel miet għajjat, "Viva Malta!"

Dawn in-nies jissejħu __________. Eroj huma nies ta' ____________ sbieħ li bagħatilna Alla biex lilna wkoll juruna t-_________. Dawn in-nies juruna x'għandna nagħmlu biex ____________ sew u biex inħallu l-____________ aħjar għal ta' warajna.



**B.3: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet** **(15-il marka)**

1. Min kiteb poeżiji msejħin Salmi?



___________________________________*(2 Marki)*

2. Semmi żewġ tipi ta' Salmi.

_______________________________________________ *(2 Marki)*

3. Is-Sultan David kien (imkabbar, rasu iebsa, ammetta li żbalja). *(2 Marki)*

4. Xi kwalitajiet sbieħ kellu David bħala mexxej?

_______________________________________________ *(2 Marki)*

5. Meta dineb David, x'ġara?

_______________________________________________ *(2 Marki)*

6. Martin kien ilu jixtieq li jkollu 'tablet' iżda missieru qallu li kien għadu żgħir wisq biex jixtrihulu. Martin issuppervja u meta missieru kellu bżonnu biex jibagħtu qadja, Martin wieġeb li ma riedx imur. Taħseb li Martin għamel sew? Kieku int x'kont tagħmel?

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________________

_________________________________________________*(5 Marki)*

## TAQSIMA Ċ NIEĦDU ĦSIEB XULXIN (10 marki)

**Ċ.1: Iċ-Ċenturjun Ruman. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Darba Ġesù mar Kafarnahum u hemmhekk kien hemm Ċenturjun Ruman li kellu qaddej li kien għażiż ħafna għalih. Dan il-qaddej kien marid u kien qed imut. Iċ-Ċenturjun sema' b'Ġesù u bagħatlu xi wħud mix-xjuħ tal-Lhud biex jitobuh jiġi jfejjaqlu l-qaddej. Dawk marru quddiem Ġesù u bdew jitolbuh bil-ħerqa biex jisma' t-talba taċ-Ċenturjun. Dawn faħħru liċ-Ċenturjun għax kien jagħmel ħafna ġid mal-Lhud u saħansitra anke bnielhom sinagoga.

Ġesù mar magħhom u ma kienx 'il bogħod wisq mid-dar taċ-Ċenturjun meta dan bagħat jgħidlu ma' xi ħbieb, "Sinjur, toqgħodx tinqala' għax jien ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi. Imma ordna b'kelma waħda u l-qaddej tiegħi jfiq."

Ġesù baqa' mistagħġeb bih meta sema' dan, dar lejn in-nies li kienu mexjin warajh u qalilhom, "Ngħidilkom li anqas f'Israel ma sibt fidi bħal din!" Meta mbagħad dawk li kienu mibgħuta reġgħu lura d-dar, sabu l-qaddej qawwi u sħiħ. **(Lq7,1-10)**

1. X'kien qed jagħmel Ġesù f'Kafarnahum?

_______________________________________________

2. Għalfejn bagħat għal Ġesù ċ-Ċenturjun?

_______________________________________________

3. Iċ-Ċenturjun x'kien jaħseb fuq Ġesù?

_______________________________________________

4. Ġesù faħħru ħafna liċ-Ċenturjun, għaliex?

_______________________________________________

5. Meta ngħidu din it-talba, "Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda u ruħi tkun imfejqa"?

_______________________________________________

**Ċ.2: Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** **(10 marki)**

**Il-Qabda tal-Ħut (Lq:5:1-11)**

1. Ġesù kien qiegħed fix-xatt tal-(Ġordan, Ġennesaret, Nil)
2. Hu tela' fuq id-dgħajsa ta' (Indri, Mattew, Xmun).
3. Xmun Pietru nxteħet f'riġlejn Ġesù u qallu li hu kien (midneb, ferħan, għażżien).
4. Is-sagrament tal-qrar ngħidulu wkoll is-sagrament tal-m____________.

**Wieġeb fil-qosor.**

5. Semmi żewġ appostli li mxew wara Ġesù.

   ________________________ ___________________________

6. Ħajjet Ġesù kienet kollha mħabba għal proxxmu tiegħu, ___________,

   maħfra u ____________.

7. Semmi żewġ modi kif Ġesù wera li kien għalliem tajjeb.

   __________________________________________

**TAQSIMA D** **JITWIELED GĦALINA** **(10 marki)**

**D.1: Imla l-vojt ta' din it-talba tal-Anġlu t'Alla. Il-kliem issibhom mill-kaxxa.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Santu** | **skont** | **ħabbar** | **omm** | **qaddejja** |
| **Mulej** | **bniedem** | **fostna** | **Marija** | **Iben** |

L-anġlu t'Alla ____________ lil ____________ u hija saret ____________

mill-Ispirtu s-____________. Hawn hi l-______________ tal-__________

Ikun minni _____________ kelmtek. U l-_____________ t'Alla sar

___________ u għammar _____________.



**Taħriġ D.2: Qabbel kolonna A ma' kolonna B permezz tan-numri.**

**(L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju)** **(10 marki)**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Fil-Milied | | biex ngħixu fil-paċi. |
| 2 | Ġesù twieled | | meta niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù. |
| 3 | Inħossu ferħ kbir | | fil-25 ta' Diċembru |
| 4 | Ġesù ġie fid-dinja | | mhux importanti r-rigali imma l-għaqda. |
| 5 | F'dan iż-żmien | | fl-għar ta' Betlem madwar 2000 sena ilu. |
| 6 | Il-Milied niċċelebrawh | 1 | il-familja kollha tiltaqa' d-dar. |

**<u>TAQSIMA E</u>** **IL-ĦBIEB TAGĦNA** **(10 Marki)**

**<u>E.1 Immarka b'salib X taħt VERU jew FALZ wara kull sentenza</u>**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | Noqogħdu attenti kif nitkellmu ħalli ma nweġġgħux lil sħabna. | | |
| 2. | Meta l-ħabib tiegħi jkollu bżonn l-għajnuna, ma nagħtix kasu. | | |
| 3. | Il-ħbieb ta' veru huma leali lejn xulxin. | | |
| 4. | Biex nuri l-apprezzament tiegħi, ma ngħidx grazzi. | | |
| 5. | Il-ħbieb ta' veru jinkuraġġuna għall-affarijiet tajbin. | | |



TMIEM